DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' April 2010

dwar iċ-ċaħda ta' lista ta' applikazzjonijiet għad-dħul fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2385)

(it-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2010/225/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-1994, il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar għadd kbir ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni li jikkonċernaw l-ilmijiet minerali, li minnhom 108 għadhom pendenti, skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 [2],

(2) Fil-każ tal-31 isem elenkati fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni, l-isem propost għar-reġistrazzjoni mhuwiex inkluż fil-lista tal-ilmijiet minerali naturali rikonoxxuti mill-Istati Membri [3], skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali [4]. Minħabba f'dan, dawn l-ismijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala rikonoxxuti fis-suq intern bħala ilmijiet minerali li jistgħu jitqiegħdu fis-suq u għalhekk ma għandhomx jiġu rreġistrati.

(3) Fil-każ tas-7 ismijiet elenkati fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni, ingħata biss l-isem u l-ebda tagħrif ieħor, u b'hekk il-Kummissjoni ma setgħetx tagħmel il-kontrolli tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 sabiex tivvaluta jekk dawn l-ismijiet jissodisfawx il-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni. Għalhekk, dawn l-ismijiet ma għandhomx jiġu rreġistrati.

(4) Fil-każ tas-70 isem inklużi fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Ġermaniżi, b'ittra datata l-20 ta' Lulju 2004, biex jagħtu tagħrif addizzjonali, b'mod partikolari dettalji dwar il-korpi tal-kontroll, il-ħerqa tal-produtturi biex ikopru l-ispejjeż tal-ispezzjoni u l-istrutturi li jiggarantixxu t-tqegħid fis-suq tal-ilma taħt isem uniku. Fil-15 ta' Mejju 2006 u għal darb'oħra fit-22 ta' Mejju 2007 il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-awtoritajiet Ġermaniżi biex jew iwieġbu l-ittra datata l-20 ta' Lulju 2004 jew jirtiraw l-applikazzjonijiet pendenti, u infurmawhom ukoll li jekk ma jsirx dan, il-Kummissjoni Ewropea se tikkunsidra tiċħad dawn l-applikazzjonijiet. Minħabba li ma ingħatax tagħrif addizzjonali, dawn l-ismijiet ma għandhomx jiġu rreġistrati.

(5) Fid-dawl tat-tagħrif ta' hawn fuq, l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjonijiet elenkati fl-Annessi għal din id-Deċiżjoni għandhom jiġu miċħuda.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u d-Denominazzjonijiet Protetti tal-Oriġini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjonijiet elenkati fl-Annessi għal din id-Deċiżjoni huma miċħuda.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Dacian CIOLOȘ

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1.
[3] ĠU C 54, 7.3.2009, p. 7.
[4] ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45.

ANNESS I

Ilmijiet minerali naturali u ilmijiet tal-ghejun

IL-ĠERMANJA

Bad Kissinger Theresienquelle

Bad Liebenwerda Stille Urquelle

Bad Rappenauer Mineralquelle

Bad Vilbeler Elisabethen Stille Quelle

Deutschlandsprudel

Elfen-Quelle Dortelweil

Geotaler

Gold der Oberpfalz

Hessen-Quelle

Hessen-Quelle Stilles Mineralwasser Bad Vilbel

Hochwald Stille Quelle

Ileburger Schlossbrunnen

Köllertaler Sprudel, Köllertaler Still (Alexander-Quelle)

Kondrauer Mineralsprudel Heilwasser Prinz-Ludwig-Quelle

Mariahilfberger

Mühlenquelle Löhne

Osning-Quelle Bielefeld-Brackwede

Peterstaler Mineralquelle

Reinbecker Schlossquelle

Rippoldsauer Mineralwasser

Romina-Medium Rommelsbach

Romina-Stilles Rommelsbach

Rommelsbacher Silberbrunnen

Rosbacher Brunnen

Rosbacher Diana Quelle

Silberquelle Höxter-Bruchhausen

Taunusquelle

Tönissteiner Römerfüllung

Urstein-Quelle Riesa a.d. Elbe

Walsumer Quelle

Wiesentaler Stilles Mineralwasser

ANNESS II

Ilmijiet minerali naturali u ilmijiet tal-għejun

IL-ĠERMANJA

Dauner Still

Falkenbergquelle

Rosbacher Urquelle

Stiftsquelle Essen

Kondrauer Stilles Mineralwasser Antonien-Quelle

Kondrauer Mineral-Sprudel Gerwig-Quelle

Urstein Quelle Bad Windsheim CASCADA

ANNESS III

Ilmijiet minerali naturali u ilmijiet tal-għejun

IL-ĠERMANJA

Arienheller

Bad Liebenwerdaer

Bad Nieratz-Quelle

Bad Vilbeler Hermanns Quelle

Bad Vilbeler Urquelle

Breisgauer Mineralwasser

Buchhorn Quelle

Diemeltaler Quelle

Dietenbronner Lazarus-Quelle

Dunaris, Heilwasser aus der Dunaris-Quelle

Eifel-Quelle

Emsland-Quelle

Emstaler Brunnen

Extaler-Mineralquell

Eyachtal-Quellen

Freyersbacher Mineralwasser

Fuldataler Mineralbrunnen

Fürstenfelder Prinzenquelle

Gänsefurther Schlossquelle

Germeta-Quelle

Griesbacher Mineralquelle

Harzer Berg-Brunnen

Harzer Grauhof Brunnen

Harzer Kristall Brunnen

Harzer Viktoria Brunnen

Harzer Weinbrunnen

Hochwald-Sprudel

Knetzgauer Steigerwald Naturbrunnen

Kondrauer Mineralsprudel Bayern-Quelle

Labertaler Sebastiani-Brunnen

Labertaler Stephanie Brunnen

Lauchstädter Heilbrunnen

Lesumer Urquelle

Lüttertaler Mineralbrunnen

Markgrafen Quelle

Markgräfler Mineralwasser

Märkisch Kristall vormals Private Quelle Grüneberg II

Neuselters Mineralquelle

Oberharzer Brunnen

Oberselters Mineralbrunnen

Okertaler Mineralbrunnen

Peterstaler Mineralquelle

Pfälzer Silberbrunnen

Q3 Mineralquelle

Rangau-Quelle

Rheinfels Quelle

Rheinfels Urquell

Rhönsprudel

Rippoldsauer Mineralquelle

Rohrauer Friedrichsquelle

Roisdorfer Mineralwasser

Salinger Bronnen

Schildetaler Mineralquell (Schildetaler Dodow)

Schillerbrunnen Bad Lauchstädt

Schwarzwald Quirliquelle

Schwarzwald-Sprudel

Sodenthaler Mineralbrunnen

St. Medardus Quelle

Staatlich Fachingen

Steigerwald-Mineralbrunnen

Stralsunder

Tönissteiner Sprudel

Ulmtal-Quelle

Vilsa-Brunnen

Vinsebecker Säuerling

Wald-Quelle Kirkel

Westfalenborn

Wiesentaler Mineralwasser

Wittmannsthal-Quelle

Zwestener Löwensprudel